III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA Nru 1/19/COL

tas-16 ta' Jannar 2019

li tesdenti l-garanziji speċjali li jikkonċernaw is-*Salmonella* spp. stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal-laħam u għall-bajd ta' tjur domestiċi (*Gallus gallus*), u għal-laħam li jkun ġej minn dundjani maħsuba għall-Islanda [2019/546]

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat l-Att imsemmi fil-punt 17 fil-Parti 6.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3)(b) tiegħu,

kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE mill-punt 4(d) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim taż-ŻEE u mill-Artikoli 1(1)(c), 1(2) u 3 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali għall-operaturi ta' negozji tal-ikel, b'ċerti garanziji speċjali għal ċertu ikel li joriġina mill-annimali maħsub għas-swieq tal-Finlandja, tal-Iżvezja u tan-Norveġja. Għaldaqstant, l-operaturi tan-negozju tal-ikel li beħsiebhom iqiegħdu fis-suq ta' dawk l-Istati taż-ŻEE laħam u bajd mill-annimali speċifikati jridu jikkonformaw ma' ċerti regoli fir-rigward tas-Salmonella. Barra minn hekk, il-kunsinni ta' prodotti bħal dawn iridu jkunu akkumpanjati rispettivament minn dokument jew ċertifikat tal-kummerċ li jiddikjara li sar test mikrobijoloġiku b'riżultati negattivi skont il-leġiżlazzjoni taż-ŻEE.

(2) Minbarra dan, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 ([2]) jispeċifika dawk il-garanziji speċjali, li jistabbilixxu r-regoli dwar il-kampjunar ta' dawn il-prodotti u l-metodi mikrobijoloġiċi għall-eżami ta' dawk il-kampjuni. Jistabbilixxi wkoll dokument u ċertifikat tal-kummerċ biex jakkumpanja l-kunsinni tal-prodotti.

(3) Fil-5 ta' Lulju 2018, il-Gvern tal-Iżlanda ppreżenta talba lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ("l-Awtorità") biex il-garanziji speċjali dwar is-Salmonella jiġu estiżi għall-Iżlanda, f'dak li għandu x'jaqsam mal-laħam u l-bajd tat-tjur f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 ([3]). It-talba tinkludi l-Programm Iżlandiż ta' Kontroll tas-Salmonella għat-trobbija tat-tjur u għall-prodotti tat-tjur.

(4) Il-programm ta' Kontroll tas-Salmonella Iżlandiż ikopri l-produzzjoni kollha tat-tjur inklużi t-tjur domestiċi, id-dundjani, il-papri, il-wiżż u popolazzjonijiet oħra ta' tjur. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) li jikkonċernaw il-miri taż-ŻEE għat-tnaqqis tal-

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 tal-14 ta' Ottubru 2005 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' garanziji speċjali li jikkonċernaw is-salmonella għall-konsenji lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' ċertu laħam u bajd (ĠU L 271, 15.10.2005, p. 17), imsemmi fil-punt 51 tal-Parti 6.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE.
([3]) Doc No 922555.
([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1), imsemmi fil-punt 8b tal-Parti 7.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE.

prevalenza tas-serotipi tas-Salmonella u għall-programmi ta' kontroll nazzjonali, u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikolari r-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2012 ([5]), (UE) Nru 200/2010 ([6]), (UE) Nru 517/2011 ([7]) u (UE) Nru 1190/2012 ([8]) li jistabbilixxu miri taż-ŻEE għat-tnaqqis tal-prevalenza ta' ċerti serotipi ta' Salmonella f'ċerti popolazzjonijiet ta' tjur, ikopru biss, fir-rigward ta' tjur, il-qatgħat ta' brojlers, il-qatgħat għat-tgħammir u t-tiġieġ tal-bajd *Gallus gallus*, u l-qatgħat ta' dundjani.

(5) Matul il-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2008, il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali qabel dwar dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni intitolat "Dokument ta' gwida dwar ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' kontroll tas-Salmonella li jridu jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk approvati għall-Iżvezja u għall-Finlandja fir-rigward tal-laħam u l-bajd tal-*Gallus gallus*" (id-"Dokument ta' gwida") ([9]).

(6) L-Awtorità, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, eżaminat id-dispożizzjonijiet tal-Programm Iżlandiż ta' Kontroll tas-Salmonella li jikkonċerna l-laħam u l-bajd tat-tjur domestiċi (*Gallus gallus*) u l-laħam li jiġi mid-dundjani. Il-programm ġie ppreżentat ukoll mill-Gvern Iżlandiż u diskuss fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, it-Taqsima tas-Sikurezza Bijoloġika tal-Katina Alimentari tal-5 ta' Ottubru 2018.

(7) Id-dispożizzjonijiet tal-Programm Iżlandiż ta' Kontroll tas-Salmonella li jikkonċernaw il-laħam u l-bajd ta' tjur domestiċi (*Gallus gallus*) u l-laħam li jiġi mid-dundjani huma meqjusa ekwivalenti għal dawk approvati għall-Finlandja, għall-Iżvezja u għan-Norveġja, u skont id-dokument ta' Gwida u r-rekwiżiti korrispondenti applikabbli għad-dundjani.

(8) Għalhekk il-garanziji speċjali għandhom jiġu estiżi għall-kunsinni tal-laħam u l-bajd tat-tjur domestiċi (*Gallus gallus*) u tal-laħam li jiġi mid-dundjani maħsuba għall-Iżlanda. Barra minn hekk, ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1688/2005 dwar it-teħid ta' kampjuni ta' dan il-laħam u tal-qatgħat ta' oriġini tal-bajd, il-metodi mikrobijoloġiċi għall-eżaminazzjoni ta' dawk il-kampjuni u d-dokument jew iċ-ċertifikat tal-kummerċ jenħtieġ li japplikaw għal dawn il-kunsinni.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju u Fitosanitarju tal-EFTA.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Iżlanda hija awtorizzata tapplika l-garanziji speċjali dwar is-Salmonella stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għall-kunsinni tal-laħam u l-bajd tat-tjur domestiċi (*Gallus gallus*), u għall-laħam li jiġi mid-dundjani, maħsuba għall-Iżlanda.

Artikolu 2

1. It-teħid ta' kampjuni tal-laħam imsemmi fl-Artikolu 1 u l-ittestjar mikrobijoloġiku ta' dawn il-kampjuni għandu jsir skont, rispettivament, l-Artikoli 3 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 1688/2005.

2. It-teħid ta' kampjuni tal-qatgħat ta' oriġini tal-bajd imsemmi fl-Artikolu 1 u l-ittestjar mikrobijoloġiku ta' dawn il-kampjuni għandu jsir skont, rispettivament, l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 1688/2005.

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2012 tat-8 ta' Marzu 2012 li jikkonċerna mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tas-Salmonella enteritidis u s-Salmonella typhimurium f'qatgħat tal-brojlers, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 71, 9.3.2012, p. 31), imsemmi fil-punt 57 fil-Parti 7.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE.

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2010 tal-10 ta' Marzu 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-serotipi ta' Salmonella f'qatgħat ta' adulti għat-tgħammir ta' Gallus gallus (ĠU L 61, 11.3.2010, p. 1), imsemmi fil-punt 53 tal-Parti 7.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE.

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 517/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament u tal-Kunsill dwar mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-prevalenza ta' ċerti serotipi tas-Salmonella fit-tiġieġ għall-bajd tat-tip Gallus gallus u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2160/2003 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2010 (ĠU L 138, 26.5.2011, p. 45), imsemmi fil-punt 8(b) fil-Parti 7.1 u fil-punti 53 u 55 fil-Parti 7.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE.

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1190/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tas-*Salmonella Enteritidis* u s-*Salmonella Typhimurium* f'qatgħat tad-dundjani, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 340, 13.12.2012, p. 29), imsemmi fil-punt 51 fil-Parti 7.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE.

([9]) https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/biosafety_food-borne-disease_salmonella_guidance_min-req_eggs-poultry-meat.pdf

3. Il-kunsinni tal-laħam imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu akkumpanjati minn dokument tal-kummerċ li jikkonforma mal-mudell previst fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1688/2005.

4. Il-kunsinni tal-bajd imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat li jikkonforma mal-mudell previst fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1688/2005.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Jannar 2019.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Iżlanda.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun awtentika bil-lingwa Ingliża.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2019.

Għall-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA,

Bente ANGELL-HANSEN	Frank J. BÜCHEL	Högni KRISTJÁNSSON	Carsten ZATSCHLER
President	*Membru tal-Kulleġġ*	*Membru Responsabbli tal-Kulleġġ*	*Kontrofirmatarju bħala Direttur, Affarijiet Legali u Eżekuttivi*